# IL HABIB

Joħroġ cull nhar ta ħamis, barra minn ħamis ix-Xirca u Labsi.—L'imsieħbin ta Malta u Għaŭdex jisŭielhom, bil Posta b'collox, tliet xelini fis-sena, li jistgħu jitħallsu xelin cull erba' xhur, bil kuddiem. Ta Barra, jisŭielhom xelin actar fis-sena u jaħtieġ iħallsu għall'inkas bis-sitt xhur fuk.—Min ma javżax xahar kabel tagħlaklu is-sena, jirtabat għal oħra.—Ebda chitba li tasal f 'idejn id-Direttur ma tarġa tirtadd l'ura.

Imżeŭŭak b'cull xorta ta daŭl, ta tagħlim, ta aħbarijet u ta mogħdija taż-żmien: imma dejjem nisrani u *ħabib tal-kalb.*
Proprietarju: il *Cumitat tal Għakda tal Apostolat tat-Talb* li kankal u sejjer imexxi dan il kari tajjeb, għall gid tal Maltin
Direttur: is-Sur Ġużè Muscat-Azzopardi (strada santa Lucija, numru 89.)
Amministratur: is-Sur Dŭardu Galea(str.Cristoforu,numru 174).
Stamperija: *G. Muscat* (strada sant'Orsla, numru 213).

L' EŬŬEL SENA. IL ĦAMIS, 6 TA ĠUNJU, 1912. NRU. 17.

*Inbiercu b' kalbna collha il ĦABIB, gażetta bil Malti, u nirriccmandaŭħ lir-Reverendi Cappillani, biex ixerrduħ kalb l'insara tal Parroċċi taħħom, għax nistenneŭ minnu gid cbir.*

*Mil Belt, fid-19 ta Jannar, 1912.*

† P. ARCISKOF U ISKOF.

## Il Giurament.

Sejjrin nitchellmu fuk il Giurament li jieħdu ix-Xhud kuddiem il Korti: jeŭ, biex niftehmu aħjar, fuk l'idija ħażina li għandhom tal Giurament in-nies il baxxi—u l'actar fost daŭn in-nisa.

Ma ngħidux għal daûc li jitilgħu jaħilfu falz għal t'apposta, seûûa biex iûaħħlu u seûûa biex jeħelsu l'imħarrec, għax daûc, nies ħżiena, m'hemmx x'isseûûi fihom. Jaraûha m'Alla: u jecc jinkabdu—ħaġa tkila ŭisk fil Ligi, li ma tiġrix lil ûieħed minnhom fil mija—iħallsu il laħam kuddiem il Hakk tad-dinja ucoll. Ngħidu, mela, għal daûc biss li jaħilfu ħażin u jagħmlu fi ftit cliem Giurament falz imħabba l'injuranza taħħom.

Daûn in-nies għandhom tliet żbalji cbar f'rashom. L'eûûel ûieħed, li jistgħu inakksu minn dac li icunu jafu, basta ma iżidux; it-tieni, li għanhom ighidu mhux dac collu li jafu, imma dac li jiġu mistoksija; u it-tielet, li, mita icunu 'mħarrchin biex jixhdu f'caûża privata, ma għandhomx ighidu contra dac li gibidhom b'xhud tiegħu u favur tal ieħor.

—Jen m'inħiex xhud ta dac—ighidulec b'ûiċċhom collu! Jen l'ieħor tellgħani! Mnejn sa fejn ngħid contra tiegħu?...

Inchella:—Iva: din cont nafha! Imm' inti ma stakseitħielix! Jena għandi inûiegeb fuk li jistaksuni!...

U l'agħar ûaħda:—Biġġiltu chemm stajt! Ma għarraktux, mischin! Għax tnakkas tista, basta mhux biex tagħmel id-deni! Basta ma taklax minn żniedec biex ittakkal!—

U, fuk collox, jippretendu li l'Avucat għandu jistaksihom ċar, għandu ikiegħdilhom il chelma f'kalkhom, mentri dan il Ligi ma tridux: u mita xi Avucat jitlak xi mistoksija hecc, li Mħallef jeû Magistrat li icun għandu iżommu.

Jista jistaksi ċar u ikiegħed il chelma fil ħalk l'Avucat ta dac li ix-xhud icunu imtalla contra tiegħu: imma l'Avucat ta dac li icun tellgħu jixhed ma jistax jistaksiħ *dritt.* Minn dan il cmand tal Ligi, li il Korti tħârsu b'rekka cbira, jigi li żball tal injuranti, għax jidhrilhom li, bħalma jitchellem ċar l'Avucat il ûieħed, għandu jitchellem ċar l'Avucat l'ieħor: u minn dakkiet joħorġu ighidu barra li l'Avucat li tellaħħom ma staksihomx ċar għax m'hux żiemel bħall'ieħor.

Alla jaf chemm kiegħdin isiru Giuramenti ħżiena u chemm kiegħdin jintilfu caûżi imħabba l'injuranza tax-xhieda!

Darba, fi dħul ir-Randan, li Mħallef De Bonu, Alla jaħfirlu, chien talab ll'Iskof biex jordna li fl'Esercizzi tal Cnejjes collha ta Malta issir Priedca fuk il *Giuramenti foloz*: u l'Iskof chien taħ dac l'ordni: u il Priedchi chienu saru. Imma l'akûa Predicaturi iridu icunu fuk din il biċċa li Mħallfin u il Magistrati: u il Priedca jaħtieġ jagħmluha cull mita jaraû xhud injurant kuddiemhom.

Għandhom, l'eûûel nett, iûissu lir-Registraturi taħħom li ma jaħtfux iġri-iġri il chelmiet imkaddsa tal Giurament li tati il Ligi: *Aħlef li tghid is-seûûa, is-seûûa* COLLU, *u xejn* INKAS *mis-seûûa, biex Alla ighinec.*

U, imbagħd, għandhom iûiddbu lix-xhieda ta certa katgħa li, bħalma ma jistgħux iżidu, inkas ma jistgħu inakksu, għax għandhom ighidu IS-SEÛÛA COLLU—li jecc icunu jafu xi ħaġa u ma ighiduhiex, *għalavolja ma icunux mistoksija fukha*, jagħmlu GIURAMENT FALZ—li mita jitilgħu hemm fuk, ma huma xhud ta ħadd *ħlief tas-seûûa*, u ma għandux jimpurtahom min giebhom u min sejjer iħallashom—li, *biex Alla ighinhom*, iridu jagħmlu dmirhom collu li ighidu *is-seûûa sħiħ*, bla mibegħda jeû inchejja tal ûieħed u bla tbiġġil jeû rispett tal ieħor.

Li Mħallfin u il Magistrati stess ma jafux chemm Giuramenti foloz isiru u chemm caûżi jinkatgħu ħażin minnhom imħabba l'injuranza tax-xhud, għax chiecu jitregħdu b'li scrupli fuk is-saħħa u ir-rekka tal Giurament!

## Ir-Rapport
### tal Cumissjunari tar-Re.

Għedna il gimgħa l'oħra li għandna nitchellmu fuk ir-*Rapport* tat-tliet Cumissjunari li bagħat haŭn ir-Re tagħna, biex jiflu tajjeb it-taksim tal Gvern, id-dħul tar-Renti u it-tmexxija tal Krati: imma, billi minn dan ir-*Rapport*, li ma ħalla ebda qŭistjoni bla mimsusa, tiddependi il ħajja u il meŭt ta daŭn il Gżejjer, ħsibna u rajna li aħjar nitchellmu fuku biċċa-biċċa—l'eŭŭel nett, għax hemm xi ngħidu fuku ŭisk; u, imbagħd, għax ma jistax icun li naħlu il *Ħabib* collu fiħ.

Mingħajr xejn dubju, l'acbar tliet qŭistjonijet li hemm mimsusa huma daŭc tat-*Taxxi*, tal *Lingŭa* u tad-*Deni malti*—tat-*Taxxi*, għax daŭn icomplu ighaccsu il Poplu u jirvinaŭ il Cummerċ għal-collox; tal *Lingŭa*, għax din tħassrilna li Storja tagħna u tibgħatna mijet ta snin l'ura; tad-*Deni malti*, għax tarġa tkum il biċċa tal mogħoż u tad-drenaġġ.

Illum, mela, ngħidu xi ħaġa fuk it-*taxxi*: imma xi ħaġa biex nibdeŭ, għax ma tafux chemm hi ta rekka cbira din il qŭistjoni għall Poplu.

Iridu il Cumissjunari li titneħħa nofs it-taxxa li għandna fuk il kamħ—jigifieri li il kmuħ li jidħlu Malta, f'loc nofs lira, bħalma huma kiegħdin iħallsu issa, jibdeŭ iħallsu ħames xelini *Dŭana* fil modd. U tistgħu taħsbu il *Ħabib* chif chien jilka bil ferħa din il bxara, chiecu jista jemmen li biha sejjer jirħos tas-seŭ il ħobz u jibka irħis darba għal dejjem, għax bil ħobż ighixu il ħaddiema u il fkar, li aħna inħobbuhom bħal biċċa minn kalbna. Imma cull-min għandu rasu tatiħ u jaf jara mil bogħod, jifhem malajr li ir-roħs tat-taxxa tal kamħ iħaxxen ħafna bŭiet, iżda mhux il bŭiet tal fokra u tal ħaddiema! U, bħalma, jecc issir taxxa fuk il chira tad-djar, ibatuha daŭc li ma għandhomx fejn jokogħdu f'taħħom, għax sjied id-djar ighollu il chira scond ma tcun it-taxxa; hecc ucoll, jecc titneħħa għal-collox jeŭ titnakkas in-nofs id-*Dŭana* tal kmuħ, igaŭduha in-Neguzjanti il cbar li igibuhom minn Barra!

Ifhmu din tajjeb. Biex il Poplu icun sgur li igaŭdi hu ir-roħs tal kamħ, jaħtieġ li il Gvern jagħmel il *Mieta*, jigifieri li joħroġ Ligi li biha icollu is-saħħa ighid Hu chemm għandu jinbieħ il kamħ, scond chif icun sejjer is-suk. Din il Ligi chienet teżisti haŭn Malta: cull gimgħa jeŭ cull tant żmien, chienu joħorġu il prezzijet tal ħŭejjeġ principali tal ichel u ħadd ma chien jista jitlob ħabba iżjed, bħalma huma illum it-tariffi tal carozzini, tad-dgħajjes u bosta oħrajn. U din il Ligi għadha teżisti f'Pajjiżi oħra, li huma ŭisk il-kuddiem! Imma l'In-

ghilterra trid il *Cummerċ libru:* u il Ligi tal *Mieta* ma nerġghux naraŭha haŭn Malta.

Aħna ma 'rridux nghidu li m'hix ħaġa sabiħa ferm il *libertá tal Cummerċ*: iżda irridu nghidu—ghax hecc hu!—li, sa chemm il Gvern ma jaghmilx il *Ligi tal Mieta*, it-taxxa tal kamħ titneħħa jeŭ tonkos biex jitħaxxnu in–Neguzjanti il cbar, mhux biex iseŭŭu xturhom il ħaddiema u il fkar, li tista tghid ighixu bil ħobż biss u jiccunsmaŭ il biċċa il cbira tal kmuħ li jiġu Malta.

Forsi. ghall'eŭŭel xhur,bi trab fil ghajnejn, il ħobż jorħos xi ftit: imma, 'mbaghd, mita il Ligi tcun saret, jeŭ b'li scuża li ir-Russja, mmejn l'actar jigi il kamħ, hemm it-taħŭid, jeŭ b'li scuża tal annata ħażina, jeŭ b'xi scuża oħra, is-suk jarġa jitla, il kmuħ joghleŭ chif chienu bit-taxxa ta nofs lira fil modd—u ir-roħs ma jigix actar, ghax....il *Cummerċ libru!* U il proverbju ighid li *fl'ajru itiru iċ-ċraret*, jigifieri li *fl'aħħar dejjem ibati iċ-ċchejchen!* ...

Frattant,scond ir-*Rapport* tal Cumissjunari, il Gvern ta Malta ghandu bżonn iżid it-Taxxi, ghax id-dħul tal flus m'hux ilaħħak man-nefka: u biex titneħħa nofs id-*Dŭana* tal kamħ, jaħtieġ li f'locha isiru taxxi oħra, li jatu daksha u ŭisk actar minnha. Chif il Cumissjunari iridu li isiru daŭn it-taxxi ġodda, nghiduħ darb'oħra: u intom taraŭ li jolktu ucoll il fokra u il ħaddiema: imma illum nitolbucom iddaħħlu f'rascom ħaġa ŭaħda—li mentri m'intomx sguri li ir-roħs tat-taxxa tal kamħ icun ta gid ghalicom, anzi tistghu tghidu li ma icunx, jidher ċar li, mita isiru taxxi ġodda fuk iz-zoccor, fuk il cafè, fuk iż-żejt, fuk it-tabacc, fuk cull-ma ighix biħ il fkir, titilfu minn banda minghajr ma tirbħu mill'oħra.

Chiecu nistghu inneħħu jeŭ innakksu it-taxxa tal kamħ u f'locha ma naghmlu xejn, collox seŭŭa: jecc ma tgaŭdux intom, inkas tbatu—u ħalli igaŭdi chemm irid ħadd-ieħor; imma, taxxi b'taxxi, la sejjrin jimtessu il ħŭejjeġ tal ichel meħtiegin ghall fokra, aħjar ma 'nkanklux il ħama, ghax, jecc inħaŭŭduħ, min jaf x'joħroġ minnu!

## Biex ûiehed iKaûûi Kalbu.

Daŭc l'actar li ighajjtu li huma ma jemmnux li jinsab Alla, ipaċpċu hecc: «U chif jista icun li jeżisti dan Alla, li tghidu intom li hua li stess Ħniena, jecc naraŭ fid-dinja cull xorta ta disgrazzi? Jecc hu tal ħakk, ghaliex ma jekredx minn nofsna id-deni collu u jaghmel hieni il bniedem?» Nibdeŭ biex inŭieġbu illi hu tas–seŭ li (chif hemm mictub fl'Evangelju) ma takax xghara ŭaħda biss minn rasna jecc mhux bir–rieda tal Cbir Alla. Ghal-hecc hu *ma iridx* id-deni u il ħsara, iżda, ghall gid taghna, iħalli li jiġrilna dic il ħsara li tigi lilna mid-dnub ta ħaddieħor. Jecc ŭieħed jigi misruk, il Cbir Alla ma icunx irid is-serk, iżda icun irid — ghall ħsiebijet gholja u ħelŭa tieghu, li ħadd ma jaf jifissirhom—illi dac il bniedem ghandu isofri dic il ħsara.

Ghal-hecc Ġobb ma ħadhiex man-nhar, mar-riħ, mal ghadu u mal Caldej, talli ghamlulu, iżda intebaħ illi il Cbir Alla ried jisserva bihom biex ighacches lilu. Ghal-hecc kal: Chif ried Alla li Mbierec, hecc sar! Icun imbierec ghala dejjem!

Issa ħaġ'oħra. Dac li lilna jidhrilna li hu deni u ħsara hu dejjem gid ghall ruħna: dan li ghandna bżonn nifhmu tajjeb.

Aħna bosta drabi ŭara żmien nintebħu illi dac id-deni li chien ġralna chien ghalina gid: iżda mhux dejjem il Cbir Alla iħallina nindunaŭ il finijet tieghu x'in huma. Iftacru illi Hua ma iridx ħlief il gid taghna u ghal-hecc cull-ma jiġri fid-dinja isir biss ghall gid, specjalment tar-ruħ. Tas-seŭ li drabi ma incunux nistghu ingerrghu dic it-tazza tal morr: iżda dac id-duŭa hecc ħażin it-Tabib tas-Sema icun irid li nixorbuħ biex infieku minn xi marda kalila li tcun kieghda kajla-kajla tmexxina ghat-telfien.

Dan li ħsieb, min jixtarru tajjeb, jisŭa mhux ftit biex ikaŭŭilna kalbna f'dac collu li jiġrilna fid-dinja u li jidhrilna li hu deni u ħsara ghalina.

Mita nisma daŭn it-talin ighidu li cull-ma jiġri fid-dinja ma ghandux x'jaksam mieghu il Cbir Alla, niftacar fil cliem tal Profeta Geremija: «Saŭŭatthom, o Mulejja, u ma riedux jemmnu; ċaħdu il Mulejja u kalu: M'hux hu!»

Daŭn il boloħ hecc jaghmlu. Jakbdilhom il ŭiċċ tar–raba?—M'hux Alla, ighidu, iżda il ġar ghajjur ghalina!—Jimirdu u ma jistghux ifieku? It-tabib ħmar!—Issir gŭerra?—Ghaliex is–Slaten ghandhom rgheba!—Jeghrek vapur b'eluf ta nies? Ħtija tal Captan!—

Collox ghalihom disgrazzja, accident, cas! Alla ma jidħol xejn fit-tregija tad-dinjá!..

Bleħna, anzi, tant, li bosta iridu jisimghu minn ghand is-saħħara, jakraŭ f'li stilli, x'ghandu isir u jiġri: collox, collox, irridu nghidu li jiġri ghalhecc u ghalhecc,iżda naghmlu minn collox biex l'Alla li Mbierec inbarruħ!

Naraŭ il castig.... iżda niċħdu il Min jibghatu!

C. Micallef De Caro.

## Ma dûar il Gżira.

Ŭieghdna il gimgha l'oħra li natu l'ismijet tal Cumitat Esecutiv tal Cungress Eŭcaristicu: u illum incomplu chelmitna. Fit-tieni lakgha tal Cungress Eŭcaristicu, li saret fit-30 ta mejju, geŭŭa l'Oratorju ta *San Ġŭann,* ŭara votazjoni segrieta fuk carta b'25 isem maghżulin mill'Iskof, ħarġu maħturin daŭn it-tnax: li Mħallef Ġanni Pulicin, LL.D.—il Cummendatur Ninu Lanzun—il Professur Napuljun Tagliaferro I.S.O.—Monsinjur Canonicu Ŭigi Attard,D.D. Vigarju tal Iskof—il Cummendatur Joseph Howard—il Cavalier Ġann Feliċ Inglott, M.D.—il Cavalier Ġużè Muscat Azzopardi, P.L.—l'Onurabbli Ŭenzu Gatt, C.M.G.,C.E.—Monsinjur Canonicu Dun Vincenz Caruana Gatto, Arcidjacunu tal Catidral—In-Nutar Frangiscu Schembri Żarb—u l'Avucat Augustu Bartolo, B.lit.

Il voti segrieti damu jinkraŭ fuk saghtejn u nofs, ghax ivvotaŭ fuk 120 ruħ, collha fost l'akŭa nies ta Malta: u cull ŭieħed tà tnax il vot, daks chemm chellhom jiġu maghżulin Membri ghal dan il Cumitat Esecutiv, li, bħalma ghedna, hu tal icbar impurtanza, ghax irid jitghabba bix-xoghol collu tal Cungress Eŭcaristicu, biex icun bħal catina bejn il Cumitat General u is-Sottu-Cumitati.

Ma daŭn it-tnax maħturin b'din ir-rekka minn fost tant nies rispettabbli, jiġu maghkudin il Presidenti tas-Sottu-Cumitati, li huma daŭn is-sebgha: Monsinjur Iskof Portelli—Monsinjur Canonicu Dun Giusepp Farrugia,D.D.,Vigarju tal Iskof ta Ghaŭdex—Monsinjur Canonicu Dun Ŭiġ Farrugia,D.D.—Monsinjur Canonicu Dun Frangesc Ferris,DD.,LL.D—il Marchis Alf. Mattei,LL.D.—ir-Reverendu Dun Ġŭann Gaŭci, D.D.,M.A.—u il Perit Andrè Vassall, C.E.,P.P.A. Mela, dan il Cumitat Esecutiv icun fiħ b'collox dsatax ir-ruħ, li, fl'eŭŭel lakgha bejniethom, jaghżlu minnhom infushom President, Vici-President, Tesorier u Segretarju.

—Dac li chitbilna is-Sur Micallef Goggi fuk il *Congregazjoni tal Ulièd ta Marija* ingibuħ il gimgha id-dieħla.

—Nhar il ħadd li gejj, mill'4 ta fuk nofs in-nhar il kuddiem, icun hemm *Fiera* cbira Raħal ġdid, fejn saret l'aħħar darba: id-dħul *żeŭġ soldi* u it-tfal ma nieshom b'xejn. Idokku programma cull-ŭaħda il baned *Duke of Edinburgh* tal Birgu u *Queen's Own* tal Isla: u icun hemm cull xorta ta loghob xierak bil premji. Icun hemm ucoll *Bażaar*, fejn, fost bosta ħŭejjeġ oħra, jinbieghu saħansitra bizzilli ta Malta (ħarir u ghażel) ħŭejjeġ tat-tfal, pitturi u raccamijet—collox b'irħis. Min ma imurx, jibdielu!

—F'li stess jum u f'li stess ħin,icun hemm festa oħra sabiħa fil ġonna *Argotti*: u il klieħ taħħa imur collu ghall fokra ta *San Vicenz di Paŭla* tal Hamrun. Ħaġa li ghandha tħajjar il cull-ħadd, tiddiverti u taghmel il carità f'dakka. U x'carità! Alla jaf, f'dan iż-żmien tal ghacs, chemm dmuħ jitnixxef b'daŭc il ftit soldi li ŭieħed jonfok nhar il ħadd geŭŭa l'*Argotti*. Min, imbaghd, jaf jaghmel il festi u il carità aħjar mix-*Xirca ta San Vicenz di Paŭla?* ....

—Ħelŭin tas-seŭ iż-żeŭġ *Strofi* li baghatilna is-Sur Nicola Camilleri: u ingibuhom bil kalb collha fil ħarġa li gejja.

—Is-Sur Ġużè Attard, (li jokghod l'Imsida,strada Prima,numru 9) impiegat id-*Dock-Yard*, fin-*New Factory*, ghandu is-setgha mil *Cumitat tal Appostulat tat-Talb* li jircievi il gimghat tal Imsieħbin fl' *Unjoni Cattolica San Giusepp*, mhux biss minn ghand daŭc li jokoghdu l'Imsida, fejn hu Caxxier tal *Caxxa tat-Tifdil* (Cassa di Risparmio), imma minn ghand daŭc l'Imsieħbin collha,barra minn tal Belt, li, biex ma jiġrux,jakblilhom iħallsu lilu.

—Jinghad li il Gvern kabbad ŭieħed jakleb il *Ligi Crimnal* bil Malti: imm'aħna, kabel ma naraŭ b'ghajnejna u immissu b'idejna, ma nemmnux! L'eŭŭel nett, chiecu icollha issir din il ħaġa, ma tistax tcun xoghol ta ŭieħed, ghax, biex takleb il Ligi bil Malti, u la hu biż-żejjed li tcun Avucat mill'akŭa u inkas li tcun taf bil Malti actar minn Annibale Preca (Alla jaħtirlu). It-tieni, il klib tal Ligi Crimnal taghna mit-Taljan ghall Malti fiħ din il ghokda cbira, li ma nafux chif iridu iħolluha: jeŭ isir b'ilsien actar minn nofsu taljan, chif jitchellmu bejniethom daŭc li ħarġu mill'Università (u allura jistghu ma jaghmluħ xejn, ghax il Poplu, ghalavolja tal bliet, ma jifhmux); jeŭ isir bil Malti tas–seŭ, biex jifhmu il Poplu (u allura m'haŭnx tlieta f'Malta collha li jafu jaħdmuħ). Fuk collox, imbaghd, fost il Ligijet li bihom jaħdmu il Krati t'isfel hemm ħafna *Atti tal Parlament*, li huma bl'Ingliż biss: u daŭn, jecc il Gvern irid jaghmel gisem sħiħ, jaħtieġ jinkalbu ucoll bil Malti! Mela, aħna ma nemmnux din ix-xniegha li haŭn: ghax, chiecu il Gvern irid jeŭ iriduħ jaħseb biex jakleb il Ligijet tal Krati t'isfel bil Malti, jintebaħ ŭaħdu li dan ix–xoghol ma jistax isir chif giè-giè, ghax mhux cull-min jiżboħ ŭiċċu isir ħaddied, ighid il Malti.Jecc ilakka flimchien tlieta minnies—Avucat mill'aħjar,ŭieħed li jaf bil Malti tas–seŭ u bniedem ieħor imħarreġ tajjeb fil Krati t'isfel—ma nghidux li jaghmlu ħaġa seŭŭa ghal-collox, ghax tibka dejjem dic il ghokda li ghedna fuk, imma jersku xi ftit lejn dac li jinħtieġ biex il Ħakk icun Ħakk.

—Nhar il ħadd li gejj, bil ghajnuna t'Alla, jibdeŭ fiċ-Circlu tal *Unjoni Cattolica* il Cunferenzi tal ħdud, li fukhom tchellimna drabijet oħra. L'eŭŭel ŭaħda jaghmilha l'Iskof Portelli, fil ghaxra u nofs ta fil ghodu: u tcun ta taghlim fuk ir-Religjon. Imbaghd, ħadd ŭara ħadd, jitchellmu il President, il Curunell Manchè, il Professur Psaila u oħrajn ta din il katgha, fuk id-dmirijet tal bniedmin bejniethom, fuk il ħajja, fuk il gherf, fuk cull taghlim ieħor xierak. Fis–16 ta ġunju, mita icun imissu jitchellem il President, issir ucoll l'eŭŭel Seduta Generali, fejn cull Imsieħeb icollu il jedd collu

isamma leħnu fuk cull-ma jidhirlu li hu ghall gid tal *Unjoni*.

—Nifirħu lill Monsinjur Gaŭci, il gharef u ħabriechi chittieb taghna, ghal panigircu bit-taljan fuk it-*Trinità* li ghamel, nhar il ħadd li ghadda, fil Cnisja tal Erŭieħ. Monsinjur Gaŭci, b'ilsien ċar u mexxejj, tchellem ta Teòlogu li hu fuk dac il *Misteru Mkaddes*: u, fi tliet qŭarti u ħames minuti, kal biex timla ctieb ghal idejn cull-ħadd, ghad li fuk ħaġa ta dic ir-rekka collha. Minn daŭn in-nies, ghorrief u mixghulin bl'imħabba tal Poplu, ghandhom maħħom il *Ħabib* u l' *Unjoni Cattolica*.

—VLERA, ir-Rumanz-original li is-Sur *Tancredi Borġ*, b'rahan ta ħbiberija, ghoġbu jiddedica lid-Direttur ta din il gażetta, miexi tajjeb ħafna u kieghed joghġob lil cull-min issieħeb fiħ. Aħna nakraŭħ mita icun lest collu, ghax ma nafux nakraŭ il cotba biċċa-biċċa: iżda min faħħarulna jaf jara u jaf chif ghandhom icunu il cotba tajjbin. Nifirħulu, mela, b'kalbna collha.

## Żeŭġ Circulari tal Iskof.

Monsinjur Canonicu Attard, bis-setgha ta Vigarju Generali tal Iskof, ħareġ fil 25 ta mejju, *żeŭġ Circulari ġodda* lir-Reverendi Arcipprieti, Cappillani u Curati ta Malta collha.

Bl'eŭŭel ŭaħda, jordna li il festa tas-SANTU CORP, ghad li minghajr obbligu tas-smiħ tal kuddiesa u fiha cull-ħadd jista jaħdem, tibka issir bħal dari fil ġurnata taħħa, jigifieri il ħamis ta fuk il festa tat-Trinità (li is-sena jaħbat fis-6 ta ġunju—illum stess), u ifisser li dan l'ordni l'Iskof taħ bis-setgha li giet moghtija mill' Imkaddes Papa lill' Iskfijet Djocesani ta cull-imchien, b'ittra tat-3 ta mejju. Ifaccar ucoll, f'din l'eŭŭel *Circulari*, li il Papa, mita nakkas il festi iccmandati u l'obbligu tas-smiħ tal kuddies, ma ghamlux bil ħsieb li inakkas id-devozzjonijet, imma biex jeħles mid-dnub il daŭc li ma chienux iħarsu dan il Precett tal Cnisja. U ghalhecc ighid li l'Arcipprieti, il Cappillani u il Curati ghandhom iŭiddbu l'insara tal Parroċċi taħħom biex jibkghu, f'daŭc il ġranet, jaghmlu li stess devozzjonijet ta dari, ghad li mhux bl'obbligu.

Biċ-*Circulari* l'oħra, l'Iskof, ŭara li iħabbar chemm hi xeŭka cbira tal Vigarju ta Gesù Cristu li l'insara tad-dinja collha jersku, *jecc jista icun cull-jum*, ghat-Tkarbin Imkaddes, u li jixtiek isir talb cbir ll'Alla fil ġranet tal Ottava tal festa tas-*Santu Corp*, jeŭ fi ġranet oħra tas-sena, chif cull Iskof jidhirlu l'aħjar fid-Djocesi tieghu, ghax b'din il kima ta cull sena lill Gesù Sagramentat jittama il gid u is-saħħa tal erŭieħ—jordna, Monsinjur Iskof, per mezz tal Vigarju tieghu, li fis-7, fit-8 u fid-9 ta ġunju (jigifieri ghada, pitghada u nhar il ħadd li ġejj) isir TRIDU il Catidral u *San Ġŭann*; u li fil Parroċċi collha ta Malta, jecc mhux it-TRIDU collu, issir ghall' inkas din id-devozzjoni nhar il ħadd. Daŭc il Parroċċi, imbaghd, li jaghmlu il festa tas-*Santu Corp* dic in-nhar, jistghu iħallu din id-devozzjoni ġdida ghall ħadd ta ŭara, li fiħ taħbat il festa tal *Kalb ta Gesù*.

Scond l'ordni tal Iskof, dan it-TRIDU ghandu jiccunsisti f'talb lill GESÙ ESPOST FIS-SAGRAMENT; fi tliet Priedchi, ŭaħda cull jum, fuk it-Tkarbin Imkaddes u fuk chif l'insara ghandhom jithejjeŭ ghaliħ; u fi Tkarbina Generali, nhar il ħadd fil ghodu. Il Priedchi isiru fil ghaxija, ŭara il ghasar u il cumpieta: u, bejn il Priedchi u il Barca, issir kuddiem is-SAGRAMENT, b'ordni ta li stess Iskof, it-*Talba ghat-tixrid tad-devozzjoni tat-Tkarbin ta cull jum*. Fl'aħħar ġurnata, kabel il Barca, jitcanta ucoll it-*Te Deum*.

Monsinjur Iskof iħabbar ucoll, f'din iċ-*Circulari* tal Vigarju tieghu, li il Papa ghoġbu jati ghal din id-devozzjoni ġdida żeŭġ *Indulgenzi plenari*, li jistghu jirtebħu minn daŭc collha li ikerru u jitkarbnu, u indulgenzi oħra, ghall ħajjin u ghall mejjtin.

Il Priedchi tal Catidral isiru fl'4 u qŭart u ta *San Ġŭann* fl'4 u nofs.

Il Catidral, jippriedcaŭ bil Malti: il Profèssur Dun Michiel Barbara, Monsinjur Canonicu Dun Manŭel Vassall u il Cap tal Missjoni Dun Giusepp Borġ.

*San Ġŭann*, jippriedcaŭ bit-Taljan: Monsinjur Canonicu Dun Ŭiġ Farrugia, Patri Scio S.J. u il Patri-Majjistru Professur Cuschieri, tal Carmlitani.

## TŬISSIJET FUK IS-SAHHA

(*Jissocta fuk it*-TFAL)

Il loghob tal *pupi* ghal bniet, u il loghob tal *cnisja* ghas-subien hu tajjeb biex jitrabbeŭ bil ghakal u qŭieti, imma dan ma ghandux icun fit-tul, ghandu icollu mieghu il loghob l'ieħor barra mid-dar.

Ŭakt il loghob ghandu icollhom il xi ħadd jinducrahom, imma dan ma ghandux icun kalil maħħom, jibża illi sejjrin iŭeġġghu, ghandhom jimirħu ghal kalbhom, jitħabtu beinjethom, sabiex jitghallmu jaħarbu iddeni u it-tiġrif u hecc isiru kalbiena ghalli gej. Min jitrabba taħt djul ommu katt ma icollu curaġġ biż-żejjed, katt ma jitħarreġ ghall cumbatt tad-dinja u ghall għaj tal ħajja. Iddarruhomx beżżiegha minn collox, imma curaġġjusi u kalbenin, basta fi ħŭejjeġ tas-seŭŭa. Mela, *arja*, *daŭl* u *mot* huma tliet ħŭejjeġ necessarji ghas-saħħa, huma tliet benedizjonijet tal ħajja.

Fuk ir-rkad ghandi nghid:—It-tfal rakkduhom cmieni u dejjem f'li stess ħin, ghidulhom xi talba lill Gesù u lill Marija, ghattuhom chif jinħtieġ, okoghdu maħħom sa chemm jorkdu.—Fil ghodu, malli jistenbħu tħalluhomx jitghażżnu fis-sodda, fittxu kajmuhom, aħsluhom u libbsuhom ghax jistghu jibirdu jecc jibkghu imneżżghin jiġru mal camra: atuhom il ħalib bil caffè jeŭ bit-tè, lestuhom ghal l'iscola jeŭ ghall passiġġata.

Nisthajjel min ighidli: "dan collu seŭŭa, imma min jaghmilha mat-tfal, jaf biż-żejjed illi mhux dejjem jista jaghmel hecc; it-tfal ma jobdux, ma tistax taghmel bihom li trid." Min jaf irabbi ma jitchellimx hecc.

Id-draŭŭa tajjba minn ċcunithom iġġaghalhom jobdu l'ommhom u il missierhom.

Haŭn jaħtieġ nghid chelmtejn chif ticcorriegu it-tfal li ma jobdux. Katt *bis-sŭat* u bil *biża*, imma bil chelma it-tajjba. Is-sŭat ma ighoddx ankas ghall' annimali, aħseb chemm jisŭa ghall' ulied. Is-sŭat, barra milli jista jaghmel deni fil ġisem, ghax id-dakka ma tafx chif tigi, inissel mibeghda f'kalb it-tifel, jaghmlu ta kalb ħażina u jidraħ minghajr ma ibiddillu id-draŭŭiet ħżiena tieghu. — Hudu l'uliedcom bit-tajjeb u bil ħleŭŭa collha, uruhom li dac li kieghdin jaghmlu hu ħażin ghall ġisem jeŭ ghar-ruħ, daħħlulhom f'rashom dac li hu ghall ġid taħħom, u dac li ghandhom jaħarbu, biex ma icorrux, chif ghandhom igibu ruħhom ma sħabhom, b'dan il mod actar ifittxu li jobducom u darb'oħra jiftacru li ma ghandhomx jaghmlu dac li fuku ŭissejtuhom.

(*Jissocta*) L. MANCHE'.

### Fiex it-taljan ma jakbilx mal-malti.

(*icompli ma' l-ahhar numru*)

4. It-taljan għal cull leħen vocali għandu ittra għaliha: ħames ilħna vocali għandu, u daks hecc iehor ittri vocali (*a, e, i, o, u,*) għandu. Il-malti ma' daŭn il-ħamsa jżid oħra li għaliha jiddobba chif jista' biż-żeŭġ ittri *ie*, bħal fil-chelmiet *biex, ried, miet, ħbieb, sried, djiek, tjieb, sjied, rjieħ*, Dan il-leħen hu teŭmi mal-vocali *â* mcarcra, chif ŭieħed jista' jara milli (1) il-vocali *â* ta' *dâk, dâm, ħât, sâb, allât, tuffiħât, ŭerkât, xeŭkât*, insibuha f'fomm ħafna nies, bla ma ttiesef xejn, mibdula f'*ie*. Ara jfissrux l-istess *diek, diem, ħiet, sieb, alliet, tuffiħiet, ŭerkiet, xeŭkiet*, chif isemmgħuhom xi ŭħud; (2) verbi bil-vocali *â* u verbi bil-vocali *ie* huma ta' classi ŭaħda. Ara *sfâr, cħâl, ħdâr, rkâk, ksâr, bjâd, tŭâl*, u *ħxien, kdiem, sŭied, djiek, tjieb, xjieħ*, humiex ilcoll ta' tliet consonanti, vocali ŭaħda u accent imcarcar, u ghalhecc ta' classi ŭaħda. Ara ŭcoll *kârar, ġâgħal* u *bierec, giegħel* li huma il-coll ta' tliet consonanti, żeŭġ vocali u accent imcarcar.

5. It-taljan ma jiddejjakx bi tnejn, tlieta u erbgħa ucoll vocali ŭara xulxin, cull ŭaħda bil-leħen tagħha għaliha, bħal fil-chelma *aiuola*. Il-malti inkas biss tnejn hecc ma jaħmel fih, la jecc icunu tnejn f'taksima ŭaħda, la jecc ŭaħda tcun f'taksima u l-oħra f'oħra ta' chelma ŭaħda, u ankas (barra minn meta l-aħħar ŭaħda jcun jagħfas fukha l-accent jeŭ l-eŭŭel ŭaħda tcun tal-pronom *hu* jeŭ *hi*) jecc l-eŭŭel ŭaħda tcun f'tarf ta' chelma u l-oħra f'bidu ta' oħra. Ghalhecc il-malti jridna nictbu:

(biż-żeŭġt ilħna f'taksima ŭaħda)

(1) *bejt, daŭl, meŭt, neŭl, ħajt, żejt saŭt*, bi tliet consonanti u vocali ŭaħda maħtufa bħal *kalb, tarf, belt, fart, fard, għerk, għonk*,

(2) *bjût, dŭal, mŭiet, nŭiel, ħjût, żjût, sŭat, rjieħ, sjied, njieb*, bi tliet consonanti u vocali ŭaħda mcarcra bħal *klûb, trûf, bliet, frât, frûd, ghrûk*,

(3) *iżjed, ifjen, idjak, itjeb, itŭal* bi tliet consonanti u żeŭġ vocali biss, bħal ma huma l-comparativi sħabom *actar, isbaħ, irkak, eħxen, inkas*,

(4) *abjad, bajda, bojod, isŭed, seŭda, suŭed*, b'numru ŭieħed ta' consonanti b'numru ŭieħed ta' vocali u b'accenti ŭaħda, bħal fi sħabhom *aħmar, ħamra, ħomor, aħdar, ħadra, ħodor, isfar, safra, sofor, icħal, caħla, coħol*,

(5) *usiegħ, jbies, bjâd, sŭied, tjieb, djiek, xjieħ, tŭal*, bi tliet consonanti, vocali ŭaħda u accent imcarcar bħal fi sħabhom *kdiem, ħxien, tkal, ħfief, rkâk, sfâr, ħdâr, ħmâr, cħâl, rtâb*.

(*Jissocta*) G. VASSALLO.

## Tûiegiba.

Ghażiż Direttur tal *Ħabib*,

Nixtiek nirringrazzja lilec u lis-Sur Ġużè Borġ ghall'ittra li dan ghoġbu jindirizza lili u li inti gibt fil *Ħabib*. Sa fejn naf jen, dejjem irrispondejt ghall mistoksijet li ghamluli fil *Ħabib*, ghal-chemm xi dakkiet bil chemm sibt ftit ħin biex nitfa erba' ħsiebijet fuk carta u nati daŭl fuk dic il mistoksija li chienet tcun saritli. Mela, jecc ma nictibx iżjed spiss, m'hix ħtija tieghi, ġà la darba sa issa is-suġgett li jen ghażilt biex fuku nitchellem fil *Ħabib* huma il Liturgija, ir-Rubrìca u iċ-Cerimonji tal Cnisja, biex hecc nati camp, mill'aħjar li nista, li ŭieħed jakta id-difficultajjet li jista icollu fuk dan il ħŭejjeġ. Ghall mistoksija, imbghad, li ghamilli is-Sur Borġ inŭiegeb li il Cnisja taghmel il festa tal *meŭt* tal kaddisin, ghaliex Daŭn fil meŭt icunu ghaddeŭ il cors ta ħajjithom fost is-slaleb u in-nichet, u fi gŭerra l'ictar kalila mal kaŭŭa tad-dlamijet, u tal gisem u tal frugha tad-dinja; u mhux fi tŭielidhom. Ghalhecc il Cnisja iġġibhomna kuddiem ghajnejna, bħala mirja ta virtù u ta opri tajjba, fil ġurnata li fiha jircievu minn ghand Gesù Cristu il palma tal vittorja u il glorja ta dejjem.

Il Cnisja taghmel il festa tat-tŭielid ta Sidna Gesù Cristu, li hu li stess kdusija sa

mill'eternità; ta Ommna Marija Santissima, li mhux biss fit-tŭielid, imma saħansitra fid-dħul taħħa fid-dinja chienet sabiħa u bla tebgha; u ta San Ġŭann il Battista, li giè imkaddes kabel ma tŭieled, mita Marija Santissima, 'mħabbra mill'Arcanġlu, ħalliet it-Tempju u żâret lil karibitha Elizabetta, biex tiekaf maħħa fit-tŭielid ta dac Giovanni li chellu iħabbar fid-desert u ighammed fil Ġurdan is-Salvatur tad-dinja.

Il Cnisja taghmel ucoll festa cbira fl'eŭŭel ta Novembru lill *Kaddisin collha*, biex fil ŭakt li tkankalna ictar u ictar ghall virtù, icollha ġurnata ta festa generali ghal daŭc il kaddisin li ma ghandhomx jum specjali ma tul is-sena.

Fil ŭakt li ingedded ir-ringrazzjamenti tieghi nibka dejjem,

Tieghec u tas-Sur Ġuzè Borġ
Serv fidil
DUN ĠŬANN.

## Ma daûr id-dinja.

—Il maħbub taghna ,il Papa Piju Ghaxra, fl'eŭŭel tax-xahar, ghalak 77 sena, ghaliex tŭieled fis-sena 1835.—Is-saħħa tieghu hi tajjba: u barra mix-xoghol cbir ghall Cnisja, cull jum jilka fil Vatican Pelligrinaġġi u Cbarat oħra.

—Ghall Cungress Eŭcaristicu li dis-sena jintakha Vienna, il Papa għażel bħala Legat tieghu l'Eminentissimu Cardinal Van Rossum.

—F'Cipru, il Musulmani irvellaŭ contra l'insara grieghi u geŭ fl'idejn, katlu grieg u fireŭ tmienja.—Il Pulizija ingliża chellha taghmel in-nar u katlet tlieta u feriet ghoxrin,—collha grieghi.—Il Gvern ingliż baghat bilġri 150 suldat minn Lixandra.

—Fl'aħħar tmin ti jem, xejn ma ġara importanti fil gŭerra ta bejn it-Toroc u it-Taljani—ħlief xi takbida żghira il-haŭn u il-hemm,—bil ħarba dejjem tat-Toroc u ftit mejjtin—u xi kabda ta xi bastiment fejn Smirni. — Iżda it-Torc ghadu ichecci it-Taljani minn l'artijet tieghu u eluf cull jum kieghdin jaslu l'Italja.—Nakraŭ ucoll li ġara xi irvell fost in-nies tal flotta Torca, ghaliex xi uħud riedu joħorġu ghat-Taljani minghajr il cmand tas-Superjuri u oħrajn ma riedux.

—Ma idumux ŭisk ma jitilghu fl'ajru xi avjaturi minn l'Inghilterra ghall' India.—Ġà inchitbu 3 u it-telka actarx tcun f'Settembru li gejj.—Nittamaŭ li jaslu ilcoll kaŭŭija u sħaħ,ghaliex s'issa ma krajniex ħlief disgrazzi.

—Fil belt Villa Real ta Spanja, kabad Cinematografu. — F'camra b'ħarġa ŭaħda chien hemm 180 ruħ. Bil biża saret rassa cbira u mietu mghaffġa 80 ruħ, barra minn ħafna oħra feruti ghall meŭt.

—Fil Marocc xejn ma huma sejrin tajjeb il Franciżi —Cumbattiment cull jum b'ħafna mejjtin— anzi actar minn sitt elef ruħ insabu assediati.— Il Gvern Franciż fi ħsiebu jibghat sitta u erbghin elf suldat. L.M.C G.

Ghadna ma nistghux nieħdu sabar fuk il meŭt tar-Reverendu Sacerdot

DUN MICHIEL CASSAR,

li miet iż-Żejtun, fit-22 ta mejju, żagħżuħ mis-snin kuddiem in-nies tad-dinja, li actar bcheŭħ ghal hecc u ghall gid li chellhom minnu, imma xiħ bil cotra tal merti kuddiem il Cbir Alla.

Dun Michiel chien Letterat, seŭŭa bil latin u seŭŭa bit-taljan: Letterat mit-tajjbin nett: u min kieghed jicteb (li l'eŭŭel chellu l'onur icun eżaminatur tieghu u imbaghd eżaminatur tal oħrajn mieghu) jaf chemm chien jatiħ moħħu. Imma, fuk collox, Dun Michiel chien Sacerdot scond il Kalb ta Gesù, ghall gherf, ghat-tieba u ghall ħrara. Mhux il Cleru taż-Żejtun, fejn chien migjub fuk l'idejn, ghamel telfa bil meŭt tieghu, imma il Cnisja Maltija, li chienet tittàma ħafna gid Minnu.

Alla tal ħniena jatiħ id-daŭl ta dejjem mal Kaddisin tieghu. M.

## MOGHDIJA TAŻ-ŻMIEN.

Illum natu gimgha vacanza, biex naħlu il ŭisa tal Loghob f'dan li gejj.

Fl'eŭŭel erba' xhur tal *Habib*, daŭn collha li sejjrin insemmu fissru il Loghob taghna tliet darbiet jeŭ actar. Hemm fosthom, bħas-Sur Saver Sammut u oħrajn, li giebuħ qŭasi dejjem: imma ghall pattijet ta bejnietna, chif jidhru fl'eŭŭel ħarġa ta din il gażetta—jigifieri biex ŭieħed jaghmel ix-xorti mal oħrajn ghall Premju—tliet darbiet huma biż-żejjed. Ix-xorti, mela, saret bejn daŭn: Monsinjur Canonicu Alfonsu Hili—ir-Rev. Cappillan Mabbli Bonanno—ir-Rev. Dun Anton Abdilla—il Professur Tagliaferro—l'Avucat Enricu Frendu—il Procuratur Legali A. Muscat — is-Sur Mast Kissoun—is-Sinjura Giulia Schembri —u is-Sinjuri Saver Sammut (li fisser Loghob actar minn cull-ħadd), Giuseppi Sciberras, Salvu Agius, Paŭlinu Żammit, Assŭeru Grima, Anthony Mercieca, Alfredu Perez, Riccardu Mifsud-Bonnici, Salvu Pulis-Felice, Carbonese, Carŭana-Melosa u Gatt — li nifirħulhom b'kalbna collha.

Ctibna l'isem ta cull ŭieħed minnhom fuk polza żghira, tfajna il poloz collha geŭŭa flixcun tax-xakkuf, li ma jidhrux il carti fiħ, ħaŭŭadnihom tajjeb u kabbadna tifel ta disa' snin jarfa ŭaħda minnhom. Telghet il polza tas-Sur Alfredu Perez, li, mita joghġbu, jista jigi jieħu il Premju li ŭieghedna.

[*Dun Paŭl*] [*Proprietà letteraria*]

## Omm tasseu u Omm taparsi

*(Mit Talian ta F. Martinengo P. d. M.)*

—Chif! mela ma jitolbûx il protestanti?

—Iva, jitolbu; imma lil Alla u lil Gesù Cristu biss. Titlob lil Kaddisîn, ighidu huma, tagħmel għajb lil Feddej.

—Lil Madonna ucoll?

—Ucoll lil Madonna. U jien, araŭ, cont kiegħed darba ŭaħda nassisti magħ mara, mischina! li ncappa ħażin chellha ŭieħed mil krâba tagħha protestant. Dan chien jigi jarha u jokgħod magħ dŭarha actar milli cont irridu; u meta chien jisma' lil marîda, kalb id-dŭejjak u't-tbatijiet li chienet kegħdha iġġarrab, issejjaħ lil Madonna, u chienet tagħmlu sicŭit, chien jinchedd għalaħħar u jakta' nifsu igħidilha:— Le mux hecc, la issejjħilhiex lil Madonna; ma jigîx minnu. Itlob biss lil Alla u lil Gesù il Feddej ta ruħna, jecc trîd tagħmel meŭŭa seŭŭa....

—Imma għaliex ma iridûx....

—X'għandi ngħidlec, Peppi kalbi? Il għaliex imiss lilhom igħiduhulna;imma s'issa jeŭ għadhom ma kaluhx jeŭ ma kalulniex ħlief ħmerijiet.—Il Feddej tagħna hua Gesù Cristu (igħidu huma); mela ma għandniex nitolbu ħlief lilu.—U aħna cattolici nŭieġbuhom:—sinjuri protestanti, għidulna ftît: jecc jeħtiegilcom takalgħu xi grażżja minn għand ir-re, għidu is-seŭŭa, ma tfittxux li tkabbdu lil daŭc ta magħ dŭaru u nies oħra li huma l'actar midħla tiegħu u maħbubin mieghu biex jitolbuh għalicom? U ir-re katt ħa' għalih; jeŭ jista' bil ħakk igħemghem mil imgieba tagħcom?

Għadni niftacar bħallichiecu il bieraħ meta mietet ir-regina Marja Teresa omm ir-re tal Piemonte. Cont dic il ħabta Torin, u chienet sejjra toħroġ ligi biex jitneħħeŭ il patrijiet u 's-sorijiet. In-nies tajba chellhom kalbhom dejka u maktugħa. Imma chien hemm fosthom mîn kâl:—għalankas fil belt tas-Sagrament jaħfruha lis-Sagramentini! Tarrfu lir-regina, li chienet tħobbhom daks għajnejha; u di'l mara kaddîsa, li chienet ŭaslet biex takla' il ħlâs tal ħafna għamîl tajjeb tagħha, riedet tgħakkdu b'dan l'aħħar ŭieħed. Sejjħet lir-re binha, kabditlu îdu, ħârset lejh b'għajnejha micsûra, u:—Ibni (kaltlu), jiena sejjra; imma għandi grazzja x'nitolboc u tcun l'aħħar. Eħles daŭc l'imsejcnîn ħamimiet minn dŭiefer l'iskra!—Għal dac il leħen, għal dic it-talba ir-re ħass għafsa f'kalbu: għajnejh ntleŭ bid-dmûħ, ma chellûx actar ħila igħidilha le u ŭegħedha li talbitu. Minn hemm u ftît siegħat *Maria Teresa* għalket għajnejha. Ir-re ma ried jât b'xejn actar; il ŭegħda li għamel lil ommu ŭakt li chienet tmût ma chienx jista' iħassarha actar. U lil mîn ried igagħlu jekred ucoll is-sorijiet tas-Sagrament kallu le, bħalma jafu igħiduh ir-rejjiet; u hecc is-Sagramentini ħelsuha. Oh x'le sabîħ chien dac! Jaħasra! għajb jibka' ŭaħdu bla aħûa?.. Imma narġgħu għalli conna. Jecc is-slaten tal art ma jeħduhiex b'nukkâs lejhom, jecc biex nakalgħu xi grazzja nġagħlu jitolbu għalina lil daŭc li huma iħobbu l'actar, sejjer jeħodha Alla, jecc nitolbu lil kaddisîn, u l'actar lil Ommu il għażiża, biex jakalgħulna il grazzji minn għandu? Għaliex dan jafu collħadd, li il grazzji Alla biss jagħmilhom; u għalchemm minn xi dakka ngħidu: il Verġni mkaddsa jeŭ dac il kaddîs għamilli il grazzja, nif hmûx ngħidu ħaġ'oħra, ħlief li kalgħuhielna huma minn għand Alla; għaliex fl'aħħar mil aħħar Hu li jaħchem fis-Sema u collimchien, u collħadd jafu li Hu biss hua is-Sîd ta collox. Għaldakshecc il kîma li natu lil Madonna u lil kaddisîn u it-talb li nagħmlulhom, tagħsar, m'humiex ħlief gieħ u kîma li natu lil Alla u lil Gesŭ Cristu Sîdna. Issa chîf katt jista' icun li Gesù jeħodha b'offisa lilu?

—Cliem hecc ċar jifmuħ saħansîtra it-ftal.

—Għîd int, sur Cappillan: jibkgħu mexjin hecc il protestanti jaslu biex idaħħlu f'rashom li ma nistgħûx ankas nitolbu għal xulxîn! Offi għalic, Pepp! iŭassal moħħoc. Ŭaħda tiġbed lil oħra. Mela x'inhu, il protestanti chien imisshom ma iħallûx lil insara li ikabbdu ŭieħed lil ieħor jitolbu għal xulxîn, u l'eŭŭel ma imakdru lil Appostli, li chienu hecc jagħmlu, bħalma jidher bic-ċar mil ittri tagħhom. Għaliex jecc ma jigîx minnu li iġġagħal jitolbu għalic il kaddisîn fis-sema, actar ma jigîx minnu li tkabbad jitolbu għalic il midimbîn fl'art, li fukhom ma nafux ankas jecc humiex ħbieb magħ Alla u jecc għadx isalvaŭ. Bdancollu (ara chemm ma jakbilx cliemhom!) f'dan il protestanti ma isibu xejn x'igħidu; mux biss imma jagħmluh huma ucoll sicŭit meta jinġabru il cnisja.... Uliedi, x'nagħmlu? Kegħdîn iżżommuni inlablab u ix-xemx niżlet torkod. Araŭ chîf kiegħed jidlam! Nkumu, ejjeŭ nkarrbu lejn ir-raħal; mgħat-triek ncunu nistgħu nissoctaŭ li conna ngħidu.—Malli kâl hecc, il Cappillan u ħbiebu kamu minn bilkegħda u kabdu it-triek, u ŭakt li chienu mexjin, dac ix-xŭejjaħ kalbu tajba issocta staksa': — Donnhom jgħoġbucom seŭŭa daŭ 'l ħŭejjeġ; daks li chemm kegħdin siecta tisimgħuni.

—Ma tâfx?.. Inti tgħidilna ħafna ħŭejjeġ ġodda u sbieħ.

—X'għidt ġodda? Ġodda daks li hua ġdîd il *Kyrie eleison*.

—X'għandu x'jaksam? Imma għalina ġodda, għax katt ma smajnihom.

—Tajjeb; mela nissocta ngħidilcom ftît ieħor, u aħna u mexjin, immiss chemchem il bicċa tar-*reliqŭiji*.

(13) (*Jissocta*)